**FIL-BORD TA' L-ARBITRAGG DWAR ARTIJIET**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 17 ta' Marzu, 2000**

**Rikors Nru: 6/95**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Doris Laferla**

Il-Bord,

Ra ir-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti wara li ippremetta illi b'ittra ufficjali tat-22 ta' Novembru 1994 l-intimata giet notifikata b'Avviz ghall-Ftehim fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art tal-kejl ta' 1979 metri kwadri li tinkludi kamra u tmiss mill-Punent ma' proprjeta' ta' Concetta Borg u ohrajn, mil-Lvant ma' proprjeta' ta' Maria Curmi u min-Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Carmen Spiteri w ohrajn u hija ndikata bhala item Nru. 1E fir-rapport tal-Perit O Caruana Montaldo A & CE tal-24 ta' Jannar 1994 u bhala plot 1E fil-pjanta L.D. 193/90/1 li estratt u kopja taghhom rispettivament huma esibiti mal-Avviz ghall-Ftehim, huwa ta' disa' mija u erbgha u tletin Liri Maltin (Lm934) kif jidher mir-rapport tal-perit O. Caruana Montaldo A & CE tal-24 ta' Jannar 1994 li estratt tieghu huwa anness ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru 1994 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' sebat elef u hamsa u tletin Liri Maltin (Lm7035).

Illi b'cedola ta' depozitu pprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Frar 1995 gie depozitat il-kumpens offert ghall-art fuq imsemmija ta' disgha

mija u erbgha u tletin Liri Maltin (Lm934) u dan a terminu tal-artikolu 22(4) tal-Kapitolu 88.

Illi skond l-istess artikolu 22(4) tal-Kapitolu 88 dan id-depozitu ma jimpedix lill-intimata milli tkompli tikkontesta quddiem il-Bord l-ammont offert lilha, liema ammont pero', ir-rikorrent jikkonferma li ghadu jqisu gust u skond il-ligi.

Talab bir-rispett u l-istess joghgbu jiffissa l-kumpens ghall-art fuq imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra r-risposta tal-intimata (a fol 4 tal-process) li biha esponiet bir-rispett illi l-kumpens offert mir-rikorrenti ghall-art u kamra in kwistjoni mhux gust u huwa baxx kif gja gie espost lir-rikorrenti fl-ittra ufficjali responsiva tal-esponenti tat-12 ta' Dicembru 1994 u kull kumpens dovut ghandu jithallas flimkien mal-imghaxijiet legali dejjem skond il-ligi. Salv kull risposta ulterjuri.

Ra l-atti kollha b'mod specifikat d-digriet moghti fil-5 ta' Frar 1997 li bih gew nominati l-esperti teknici, il-Periti Frederick Valentino u Joseph Mizzi ( a fol 39 ibid).

Ra r-relazzjoni tal-istess esperti teknici a fol 124 tal-process.

Ikkunsidra

Illi kif jidher mill-istess rikors promotorju u r-risposta relattiva, dan il-kaz trattasi ta' wiehed prettament in rigward il-kumpens xieraq sabiex dan jigi stabbilit minn dan il-Bord skond id-dispozizzjoni tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, in rigward il-premess kif jidher mir-relazzjoni gja imsemmija ( a fol 124 ibid) u li ghandha tifforma parti integrali ta' din id-decizjoni , gie stabbilit li l-kumpens skond l-istess ligi , gie stmat fis-somma ta' Lm2224.50,0 u dan a bazi ta' dak premess fl-istess relazzjoni.

Ghaldaqstant il-Bord jilqa' l-istess talba u jiffissa l-kumpens xieraq, ghall-art imsemmija u deskritta fl-istess rikors u relazzjoni u kif delineata fil-pjanta a

fol 20 tal-process bin-numru u ittra "E" liema pjanta ghandha ukoll tifforma parti integrali minn din id-decizjoni, fis-somma ta' Lm2224.50,0 bl-imghax legali skond il-ligi mill-10 ta' Lulju 1990, id-data tad-Dikjarazzjoni relattiva tal-President ta' Malta (Dok. A a fol 17 ibid). Inoltre jordna li l-att Pubbliku relattiv jigi pubblikat minn Nutar Vincent Miceli fil-5 ta' April, 2000 fid-9.30a.m. u jinnnomina bhala kuratur ghall-kontumaci lill-Avukat Dr Ian Spiteri Bailey; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Alan Calleja
Dep.Reg.